# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-14 ta' Lulju 2020**

Appell numru 128 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Christ Paul CAMILLERI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Marzu 2018 fil-konfront ta' Christ Paul CAMILLERI detentur tal-karta tal-identità bin-numru 577883M fejn ġie mixli talli fit-23 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tat-15:00 fl-ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja (in suċċint) :

   a. Żamm xi għasafar (jew parti minnhom) li l-kaċċa jew it-teħid tagħhom huwa projbit mil-liġi u dan mingħajr ma kellu l-permess jew ċertifikat biex iżomm tali għasafar;

b. Importa għasafar li huma mħarsa bil-liġi;
c. Għal dak iż-żmien li kien fil-pussess t'għasafar protetti naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu permessi, ċertifikati jew dokumenti li jkunu jissodisfaw li dawk l-għasafar ma kienux miksuba kontra l-liġi;
d. Importa jew esporta għasafar mingħajr ma applika mal-Awtorita Amministrattiva fuq il-formoli approvati;
e. Ma żammx fil-pussess tiegħu permessi, liċenzji jew ċertifikati li kellhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' dawn l-għasafar;
f. Importa fil-komunita eżemplari mingħajr il-permessi jew ċertifikati neċessarji;
g. Ma għamilx notifika dwar l-importazzjoni;
h. Daħħal għasafar mit-territorju tal-Komunita bi ksur tal-Konvenzjoni jew mingħajr ma ġab prova soddisfaċenti li kellu permess jew ċertifikat t'importazzjoni;
i. Xtara għasafar bi ksur tar-Regolament 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regolamentazzjoni tal-kummerċ ta' flora jew fawna selvaġġi protetti;
j. Importa eżemplari ta' speċi protetta bi ksur tar-regolament 6 tal-Avviż Legali 236 tal-2004;
k. Naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu il-permess jew ċertifikat jew liċenza ai termini tar-regolament 7 tal-Avviż Legali 236 tal-2004;
l. Il-Qorti ġiet mitluba biex minbarra l-piena tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull warrant, liċenza, permess jew awtorita għal żmien mhux anqas minn sena maħruġ skont il-Liġi;

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu għal multa t'elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u ordnat ir-revoka permanenti tal-liċenzi u ordnat il-konfiska tal-eżebiti kollha.

3. Illi minn din is-sentenza, Christ Paul CAMILLERI appella fejn talab ir-riforma ta' din is-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet filwaqt li tvarja l-piena inflitta għal waħda aktar ekwa u ġusta u dan stante li l-Qorti kellha tieħu qies tal-involviment tal-appellant, l-ammissjoni bikrija tiegħu, l-aspett riformattiv u l-fatt li hu kkopera mal-awtoritajiet ikkonċernati. Hu ammetta kif irilaxxa stqarrija mal-Pulizija u reġa' kkonferma kollox meta rreġistra l-ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Filwaqt li jaf li mhux bilfors għandu jgawdi minn temperament fil-piena minħabba l-fatt li ammetta fi stadju bikri hu jirreferi għal ġurisprudenza li tisħaq il-ħtieġa ta' bilanċ ċar bejn l-aspett riformativ u dak retributtiv tal-piena. Ma deherlux li l-Qorti tal-Maġistrati qieset l-aspett riformattiv iżda biss dik retributtiv. Dan ingħad speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-liċenzja tiegħu ġiet revokata permanentement. L-appellant qatt ma kien xellef dufrejgħ mal-ġustizzja qabel dan il-każ u kwindi qatt ma abbuża mill-liċenzja tal-kaċċa/insib li għandu, apparti li għadu ta' eta' żgħira u mhux reċidiv.

4. Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u rat l-atti u d-dokumenti kollha.

***Ikkunsidrat: -***

5. L-appell de quo jitratta l-piena li ġiet inflitta. Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:-
   (a) Retributtiv;
   (b) Preventiv; u
   (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

   L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

   L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali.

   L-aspett preventiv ġenerali tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn

qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu.

L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa' jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lis-soċjeta milli tiddeżisti; għaliex jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għas-soċjeta li tibda tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-paċi u trankwillita tal-istess soċjeta, u f'ċerti ċirkostanzi saħansitra għall-eżistenza tagħha jew ta' membri fostha. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali

għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-piena komminata minnha, jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali u jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva. Il-piena inflitta kienet bażata fuq ir-regolamenti u kienet ukoll taqa' fil-parametri stabbiliti mir-regolamenti u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għaliha u timponi lilha f'dan il-każ.

Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as

individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

6. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li l-piena ma kienetx waħda li kienet ħażina fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. L-ammont tal-multa inflitta jissubentra fil-parametri tal-Liġi – kemm tal-Avviż Legali 236 tal-2004 kif ukoll dawn tal-Avviż Legali 79 tal-2006. Inoltre tali piena hija in linea ma diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati għal ċirkostanzi ta' reati simili.

7. F'dan il-każ, is-sospensjoni tal-liċenza hija waħda tassattiva ma' sejbien ta' ħtija u l-Qorti ma tista' tagħmel xejn dwar din il-konsegwenza. Biss il-Qorti tal-Maġistrati applikat din is-sospensjoni tal-liċenza b'mod permanenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma setgħetx tagħmlu. Jirriżulta li dan huwa l-ewwel reat ta' dan il-ġeneru li l-appellant kien ikkommetta, u li ġie misjub ħati tiegħu.

F'dan il-każ it-terminu tas-sospensjoni huwa ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux iktar minn ħames snin. Is-sospensjoni permanenti tapplika meta jkun hemm sejbien ta' ħtija preċedenti taħt l-istess regolamenti li mhuwiex il-każ hawnhekk. Konsegwentement din il-konsegwenza ser tiġi varjata minn din il-Qorti sabiex tirrientra fil-parametri legali applikabbli għall-każ in eżami.

## ***Deċide***

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellant in parti billi tibdel is-sentenza appellata bil-mod kif ġej u ċjoe billi filwaqt li :

(a) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

(b) tikkonferma wkoll dik il-parti fejn ikkundannatu jħallas multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500),

(c) tikkonferma dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*; minflok,

(d) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat is-sospensjoni tal-liċenzi tal-kaċċa u l-insib tal-appellant Christ Paul CAMILLERI b'mod permanenti u minflok tordna li tali sospensjoni tal-liċenzi tal-kaċċa u tal-insib fuq ismu tkun għal żmien sentejn (2).

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***